MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2013

Numru. 190/2013

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**

**KONTRA**

**STEFAN MITKOV PARASKOV, iben Mitkov u Petya nee' Liyutskonova, imwieled Bulguaria nhar l-24 ta' Awwissu, 1985, residenti fil-fond Flat 2, Edgeware Court, Triq Rodolfu, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' numru 47721A;**
**U MIHAIL NEDKOV NIKOLOV iben Nedkov u Elka, imwieled Bulgaria nhar it-30 ta' Dicembru, 1984, residenti gewwa Mabrouk, Court 35, Flat 4, Triq Amery, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' numru 71623A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Stefan Mitkov Paraskov** u **Mihail Nedkov Nikolov** li gew akkuzati talli, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Fil-lejl ta’ bejn il-25 u s-26 ta’ Jannar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ Nica Limited li tinsab Triq Ghajn Dwieli, Paola, ikkommettew serq ta’ €60 fuel, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Franco Schembri u/jew persuna jew persuni ohra;

2. U aktar talli nhar it-28 ta’ Jannar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ Carlo Cini, li tinsab fi Triq Aldo Moro, Marsa, ikkommettew serq ta’ €40 fuel, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Roberta Cini u/jew persuna jew persuna ohra;

3. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-28 u d-29 ta’ Jannar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ Joem Service Station li tinsab Triq Regjonali, Msida, ikkommettew serq ta’ €40 fuel liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Emmanuel Falzon u/jew persuna jew persuni ohra;

4. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ Carlo Cini li tinsab Triq Aldo Moro, Marsa, ikkommettew serq ta’ €20 fuel liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Roberta Cini u/jew persuna jew persuni ohra;

5. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ Lourdes Service Station li tinsab Triq Hompesch, Zabbar, ikkommettew serq ta’ €40 fuel liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Neil Buhagiar u/jew persuna jew persuni ohra;

6. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn l-4 u l-5 ta’ Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ Mike Service Station li tinsab fi Triq Bastjan, Qormi, ikkommettew serq ta’ €40 liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Paul Gauci u/jew persuna jew persuni ohra;

7. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn l-4 u l-5 ta’ Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ JAV li tinsab Mdina Road, Qormi, ikkommettew serq ta’ €19.88 fuel, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ James Meli u/jew persuna persuni ohra;

8. U aktar talli fil-lejl ta’ bejjn l-4 u l-5 ta’ Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ Michael Attard Limited li tinsab Mdina Road, Attard, ikkommettew serq ta’ €40 fuel liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Mary Carmen Giordmaina u/jew persuna jew persuni ohra;

9. U aktar talli nhar it-12 ta’ Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ Carlo Cini li tinsab Triq Aldo Moro, Marsa, ikkommettew serq ta’ €40 fuel, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Roberta Cini u/jew persuna jew persuni ohra;

10. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 ta’ Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ Lourdes Service Station li tinsab Triq Hompesch, Zabbar, ikkommettew serq ta’ €40 fuel, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Neil Buhagiar u/jew persuna jew persuni ohra;

11. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ JAV li tinsab Mdina Road, Qormi, ikkommettew serq ta’ €40 fuel, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ James Meli u/jew persuna jew persuni ohra;

12. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ Mike Service Station, li tinsab fi Triq San Bastjan, Qormi, ikkommettew

serq ta’ €40 fuel, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Paul Gauci u/jew persuna jew persuni ohra;

13. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ Joem Service Station, li tinsab Triq Birkirkara, San Giljan, ikkommettew serq ta’ €40 fuel, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Emmanuel Falzon u/jew persuna jew persuni ohra;

14. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn is-16 u s-17 ta’ Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ Joem Service Station li tinsab Triq Regjonali, Msida, ikkommettew serq ta’ €60 fuel, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Emmanuel Falzon u/jew persuna jew persuni ohra;

15. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn is-16 u s-17 ta’ Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ Rizzo Service Station li tinsab Triq il-Wied, Birkirkara, ikkommettew serq ta’ €40 fuel, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Duncan Rizzo u/jew persuna jew persuni ohra;

16. U aktar talli matul ix-xahar ta’ Frar, 2013 minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ Joem Service Station li tinsab Triq Birkirkara, San Giljan, ikkommettew serq ta’ €40 fuel, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Emmanuel Falzon u/jew persuna jew persuni ohra;

17. U aktar talli bejn il-15 u s-17 ta’ Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ J Vella Service Station li tinsab Valletta Road, Mosta, ikkommettew serq ta’ €40 fuel, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Anthony Vella u/jew persuna jew persuni ohra;

18. U aktar talli bejn il-15 u t-18 ta’ Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta’ Michael Attard Limited, li tinsab Mdina Road, Attard, ikkommettew serq

ta' €40 fuel liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta' Mary Carmen Giordmaina u/jew persuna jew persuni ohra;

19. U aktar talli fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta' Autofill li tinsab Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, ikkommettew serq ta' €40 fuel, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta' Raymond Baldwin u/jew persuna jew persuni ohra;

20. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta' Nica Limited li tinsab Triq Ghajn Dwieli, Paola, ikkommettew serq ta' €40 fuel, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta' Carmelo Cassar u/jew persuna jew persuni ohra;

21. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta' Lourdes Service Station, li tinsab Triq Hompesch, Zabbar, ikkommettew serq ta' €40 fuel, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta' Neil Buhagiar, u/jew persuna jew persuni ohra;

22. U aktar talli matul ix-xahar ta' Frar, 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta' Laguna Seca li tinsab Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, ikkommettew serq ta' €80 fuel liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta' Emmanuel Zammit u/jew persuna jew persuni ohra;

23. U aktar talli matul ix-xahar ta' Frar 2013, minn gewwa l-pompa tal-petrol bl-isem ta' Ambassador Service Station li tinsab Triq il-Wied, Msida, ikkommettew serq ta' €80 fuel liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta' Joseph Vella u/jew persuna jew persuni ohra;

24. U aktar talli matul ix-xhur ta' Jannar u Frar 2013, gewwa dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi

nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' €958.88 (disa' mija u disgha u hamsin Ewro u tmienja u tmenin Ewro centezmu) ghad-dannu ta' diversi persuni;

25. U aktar talli matul ix-xhur ta' Jannar u Frar 2013, gewwa dawn il-Gzejjer, bi hsara ta' haddiehor, ghamlu qliegh b'qerq ta' €959.88 (disa' mija u disgha u hamsin Ewro u tmienja u tmenin Ewro centezmu) ghad-dannu ta' diversi persuni.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputati fl-istadju tal-prezentata b'arrest, u dan wara li gew moghtija zmien xieraq skont il-Ligi sabiex jergghu jahsbu dwar l-istess;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-istess imputati ddikkjaraw li ma kellhomx oggezzjoni;

Rat il-fedina penali netta taghhom.

Rat li mal-prezentata b'arrest, giet ritornata r-res furtiva seduta stante.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 270, 278(2), 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qieghda fuq ammissjoni ssib lill-imsemmija mputati **Stefan Mitkov Paraskov** u **Mihail Nedkov Nikolov** hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom, u tikkundannahom ghal piena karcerarja ta' tmintax(18)-il xahar sospizi ghal tlitt(3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------